# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Numru 1043/2021 NC**

**Fl-Atti tar-Rikors ippreżentat fit-22 ta' Ottubru 2021 in segwitu tal-Ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1237/2021 fl-ismijiet:**

**Western Company Ltd**

**vs.**

**Brian Papagiorcopulo**

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Ħamis 9 ta' Diċembru 2021**

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tar-rikorrent s-sekwestrat Brian Papagiorcopulo ppreżentat fit-22 ta' Ottubru 2021 fejn talab lil din il-Qorti s-segwenti:

*"(i) tordna r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju de quo; u*

(i) *tordna u tikkundanna lis-soċjeta' sekwestranti sabiex tħallas lill-esponenti penali ta' bejn €1,164.69 u €6,988.12 ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta apparti dawk id-danni kif kontemplati fis-sub-artikolu (9) tal-Artikolu 836 tal-istess Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li qed jiġu espressament riservati;*

*u li dan kollu jsir taħt dawk il-provedimenti kollha illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi.*

*Bl-ispejjeż kontra is-soċjeta' sekwestranti."*

Rat id-Digriet tagħha tat-28 ta' Ottubru 2021 fejn il-Qorti ordnat notifika tar-Rikors lis-soċjeta' intimata Western Company Ltd li ġiet mogħtija żmien sebat (7) ijiem min-notifika sabiex tippreżenta Nota li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li tixtieq tippreżenta.

Rat ir-Risposta tas-soċjeta' intimata s-sekwestranta Western Company Ltd ippreżentata fil-25 ta' Novembru 2021 fejn oġġezzjonat għat-talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors.

Rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1237/2021 fl-ismijiet **Western Company Ltd vs. Brian Papagiorcopulo**.

Rat l-atti tal-Kontro Mandat bin-Numru 1744/2021 fl-ismijiet **Western Company Ltd vs. Brian Papagiorcopulo** ppreżentat fil-25 ta' Novembru 2021.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- fl-10 ta' Settembru 2021 is-soċjeta' intimata Western Company Ltd ippreżentat Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju fil-

Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1237/2021) kontra r-rikorrent Papagiorcopulo;

- fl-4 ta' Ottubru 2021 is-soċjeta' intimata Western Company Ltd intavolat kawża quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera kontra Brian Papagiorcopulo;

- fil-25 ta' Novembru 2021 is-soċjeta' intimata Western Company Ltd ippreżentat Kontro-Mandat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Kontro-Mandat bin-Numru 1744/2021) għal Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 1237/2021 hawn fuq imsemmi;

- il-Kontro-Mandat imsemmi (it-talba għal liema ġiet milqugħa fis-26 ta' Novembru 2021) ġie ppreżentat dakinhar stess li s-soċjeta' intimata Western Company Ltd ippreżentat ir-Risposta tagħha għar-Rikors *de quo*.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talbiet hekk kif kontenuti fir-Rikors promutur, il-Qorti tinnota li ser tieħu konjizzjoni tar-Rikors odjern minkejja li jirriżulta li ġiet intavolata kawża bejn il-partijiet fil-Bord li Jirregola l-Kera *stante* li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo* ġie ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (u <u>mhux</u> fil-Bord li Jirregola l-Kera).

**<u>L-Ewwel (1) Talba</u>**
**<u>(Revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju)</u>**:
Illi f'din l-ewwel talba r-rikorrenti Papagiorcopulo jitlob li jiġi revokat il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju in kwistjoni.

Illi dwar din it-talba l-Qorti ma tantx għandha wisq xi tgħid għajr illi *stante* li, kif ingħad hawn fuq, is-soċjeta' intimata Western Company Ltd ippreżentat Kontro-Mandat għal Mandat in kwistjoni, liema talba għall-Kontro-Mandat jirriżulta li ġiet milqugħa, it-talba in eżami ġiet sorvolata u b'hekk il-Qorti ma għandha xejn x'tirrevoka *stante* li l-Kontro-Mandat ippreżentat ġab fix-xejn l-effetti

tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju. B'hekk il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba.

**<u>It-Tieni (2) Talba</u>**
**<u>(Ħlas ta' penali)</u>:**
Illi f'din it-talba r-rikorrenti Papagiorcopulo jitlob li s-soċjeta' sekwestranta *ossia* intimata Western Company Ltd tħallas penali lilu *ai termini* ta' Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan illi d-danni kontemplati f'Artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ġew espressament riżervati. Għaldaqstant, it-talba li għandha l-Qorti taħt din it-talba tirrigwarda biss il-ħlas ta' penali.

Illi l-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali hija sanzjoni fakoltattiva. Huwa fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tgħabbi lil min ikun ħareġ mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Iċ-ċirkostanzi msemmija fil-liġi f'dan ir-rigward huma erbgħa u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi.[1]

Illi jirriżulta s-segwenti:

- il-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju *de quo* ġie ppreżentat fis-17 ta' Awwissu 2021 u ġie milqugħ fl-10 ta' Settembru 2021;

- il-kawża ġiet intavolata fil-Bord li Jirregola l-Kera fl-4 ta' Ottubru 2021.

Illi b'hekk m'għandux ikun hemm dubju li l-kawża nfetħet oltre t-terminu rikjest mil-liġi. Apparti li fuq dan jisħaq ir-rikorrent Papagiorcopulo, is-soċjeta' intimata Western Company Ltd tirrikonoxxi li l-kawża ġiet ippreżentata erbat ijiem tard.

---

[1] Ara provvediment mogħti fit-12 ta' Settembru 2019 fil-proċeduri **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 964/2019 fl-ismijiet Dr. Henri Mizzi pro et noe vs. Jebmed Srl**.

Illi fir-Risposta tagħha s-soċjeta' intimata Western Company Ltd tittenta tiġġustifika r-raġuni għala l-kawża ġiet ippreżentata oltre t-terminu rikjest u tgħid, fost l-oħrajn, li fil-ġimgħat sussegwenti għall-preżentata tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju hija kienet aktar preokkupata mill-fatt illi, minħabba n-neġligenza tar-rikorrent Papagiorcopulo ġie kkawżat perikolu għall-appartamenti sovrastanti. Il-Qorti tinnota, mingħajr tlaqlieq ta' xejn, li din ir-raġuni mhijiex waħda plawsibbli u aċċettabbli! Is-soċjeta' intimata Western Company Ltd żżid tgħid ukoll li n-nuqqas tagħha li tipproċedi fit-terminu ma kienx riżultat ta' xi abbuż min-naħa tagħha u li l-fatt li l-kawża ġiet ippreżentata erbat ijiem wara t-terminu ma ħoloq l-ebda preġudizzju għar-rikorrent Papagiorcopulo.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għall-provvediment mogħti fis-16 ta' Ottubru 2017 **Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 92/2017 fl-ismijiet Jeanne Borg vs. Christian Zammit**, liema provvediment sar riferenza għalih fir-Risposta tas-soċjeta' intimata Western Company Ltd. F'dan il-provvediment ingħad hekk:

> "Dan kollu premess, din il-Qorti tqis illi għalkemm irriżulta li l-eżekutanti ppreżentat il-kawża tard għax kien skada t-terminu ta' għoxrin jum skont il-liġi, fl-istess waqt hija konvinta li l-presentatata tardiva tal-kawża kienet imputabbli għal żball jew dimentikanza mhux daqstant tas-sekwestranti iżda tal-avukat tagħha kif dan tal-aħħar kellu l-kuraġġ u l-lealta' li jiddikjara mhux merament bil-fomm iżda *nero su bianco* fuq atti pubbliċi. Kif rajna, l-esekutanti, min-naħa tagħha, kienet pronta li tirregolarizza l-posizzjoni tagħha taħt id-direzzjoni u bl-assistenza tal-avukat tagħha. <u>**Dan tal-lum huwa ċertament każ fejn il-Qorti sejra teserċita d-diskrezzjoni tagħha illi ma timponi ebda penali fuq l-esekutanti**</u>. Illum il-kawża dwar il-jedd hija pendenti bil-mandat il-ġdid qiegħed jinżamm fis-seħħ effett ta' dik il-kawża."

Illi l-Qorti tinnota li dak li ngħad fil-provvediment ikkwotat hawn fuq <u>ma għandux</u> japplika għal każ odjern u dana *stante* li r-raġuni

miġjuba fil-provvediment in kwistjoni għala l-kawża ġiet ippreżentata tard u li ġiet imsemmija fl-istess provvediment mhijiex l-istess raġuni għal dik tal-proċeduri odjerni. Ir-raġuni hemm imsemmija hija differenti minn dik li tirrigwarda l-provvediment odjern u r-raġuni miġjuba fil-proċeduri odjerni ma ġietx aċċettata mill-Qorti bħala waħda valida.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għall-provvediment mogħti fit-28 ta' Ġunju 2021 **Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 676/2021 fl-ismijiet Johan Huy vs. Mark Attard** (Rikors Numru 529/2021), fejn il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "30. Fid-deċiżjoni **Joseph Rapa v. Raymond Sammut** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Marzu, 2001, intqal hekk dwar din il-kawżali:
>
> *"Jidher illi taħt dan ir-rigward il-leġislatur kien riġidu u **fis-sub-inċiż 8(a) tal-Artikolu 836** rabat l-impożizzjoni tal-penali mal-fatt materjali biss illi l-kreditur ikun naqas li jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu kontra d-debitur fiż-żmien statutorjament prefiss. Dana indipendentement mir-raġuni li minħabba fiha jkun avvera ruħu b'dan il-fatt. Indipendentement mill-mala fede jew buona fede tal-kreditur u mingħajr il-ħtieġa li jiġi provat li dan kien baqa' inadempjenti bil-ħsieb li jabbuża mill-proċess ġudizzjarju. Jidher allura li taħt dan is-subinċiż l-unika difiża li setgħet tkun bħala regola ammisibbli da parti tar-rikorrent kreditur kienet jekk jiġi stabbilit illi t-terminu statutorju kien ġie estiż espressament jew almenu taċitament bil-kunsens tad-debitur. Prova din li mill-atti bl-ebda mod ma tirriżulta";*
>
> 31. Fl-istess deċiżjoni kompla jingħad li penali ta' din ix-xorta hi imposta bil-liġi bħala miżura ta' ordni pubbliku biex tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex tiżgura wkoll illi l-istitut tal-mandati kawtelatorji ma jiġix abbużat, kif faċilment jista' jiġi, bil-ħsieb li jdejjaq jew iweġġa' lill-allegat debitur;

32. Ta' min jgħid li għalkemm din id-deċiżjoni ta' **Joseph Rapa v. Raymond Sammut** ingħatat aktar minn għaxar snin ilu, madankollu l-imsemmija deċiżjoni baqgħet tiġi mtennija anke fiż-żminijiet tal-lum. Ara pereżempju d-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar, 2021, fl-ismijiet **Antoine Portelli et v. Graham Testa**;

33. Illi fuq is-saħħa ta' dawn il-prinċipji misluta mill-ġurisprudenza, il-qorti ssib li Johan Huy tabilħaqq ħaqqu jeħel penali taħt l-artikolu 836(8)(a) għaliex huwa la wera li t-terminu għall-preżentata tal-kawża ġie mtawwal bi qbil bejn il-partijiet, permezz ta' nota magħmula skont l-artikolu 844 fuq imsemmi, u lanqas ma provda raġuni tajba għaliex ma fetaħx il-kawża fi żmien għoxrin jum wara l-ħruġ tal-mandat;

34. Huwa minnu li l-kawża saret tlitt ijiem wara l-għeluq tat-terminu, madankollu dan ma jeħlisx lil Johan Huy mill-ħlas tal-penali. <u>It-terminu għall-preżentata tal-kawża għandu dejjem jibqa' wieħed oġġettiv, kif stabbilit mil-liġi jew inkella bi qbil bejn l-esekutat u l-esekutant. Żgur pero', dan it-terminu ma jistax jiddependi fuq ir-rieda waħdanija ta' min talab il-mandat għaliex inkella t-terminu jispiċċa wieħed arbitrarju u soġġettiv.</u>" [emfażi miżjuda]

Illi l-Qorti taqbel ma' dan l-insejament t'hawn fuq u tagħmlu tagħha u b'hekk isegwi li għalkemm il-kawża tressqet ftit jiem tard, dan il-fatt ma jistax jaħfer lis-soċjeta' intimata Western Company Ltd mill-ħlas tal-penali. Huwa raġonevoli li min iressaq kawża tard għandu jeħel penali li għandha tkun inqas minn dak li ma jkun ressaq kawża qatt.

Illi sabiex tasal għall-ammont ta' penali li s-soċjeta' intimata Western Company Ltd għandha tħallas lir-rikorrent Brian Papagiorcopulo *stante* li l-kawża in kwistjoni ġiet intavolata tard (Artikolu 836(8)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta), il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li s-soċjeta' intimata Western Company Ltd intavolat minn jeddha Kontro-Mandat (li r-raġuni

indikata fih hija: *"sabiex is-soċjeta' rikorrenti [Western Company Ltd] tirregola ruħha")*. Tenut kont tal-fatt li skont Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-penali għandha tinżamm bejn €1,164.69 u €6,988.12, il-Qorti tqis li f'dan il-każ s-soċjeta' Western Company Ltd ħaqqha teħel penali li jkun fil-minimu stabbilit fil-liġi u li penali fl-ammont ta' elf u mitejn Euro (€1,200) għandu jitqies bħala wieħed xieraq fiċ-ċirkostanzi.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

- filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1) talba hekk kif kontenuta fir-Rikors promutur;

- tilqa' t-tieni talba u b'hekk tikkundanna lis-soċjeta' intimata s-sekwestranta Western Company Ltd tħallas penali lir-rikorrent s-sekwestrat Brian Papagiorcopulo fis-somma ta' elf u mitejn Euro (€1,200).

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mis-soċjeta' intimata eżekutanta Western Company Ltd.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**